# L-Istatwa ta' Fatima tal-Parroċċa tagħna u l-Festi Speċjali tal-1949

## Fl-okkażjoni tal-Mitt Sena mid-Dehriet tal-Madonna ta' Fatima

**Il-Perit Michael Schembri**

Din is-sena qed infakkru l-ewwel ċentinarju tad-dehriet tal-Madonna ġewwa Fatima, fil-Portugall. Xieraq għalhekk nagħtu ħarsa fuq il-konnessjoni u devozzjoni fil-parroċċa tagħna, lejn il-Madonna li ġġib dan it-titlu.

Fost in-niċeċ li jżejnu t-toroq tar-raħal, konna nsibu tnejn iddedikati lill-Madonna ta' Fatima. Waħda għadha tinsab fuq dar li qiegħda fil-parti ta' fuq ta' *Triq tal-Ġebel* fl-inħawi magħrufa *Ta' Salvun*, qrib Ħal Far. Niċċa oħra, żgħira fid-daqs, kienet fil-faċċata tad-dar fejn kien joqgħod is-Sur Anġ fi Triq San Patrizju. Din in-niċċa m'għadhiex teżisti minħabba li d-dar imsemmija twaqqgħet ftit ilu u minflokha ttella' bini ġdid.

Fis-snin ta' wara t-Tieni Gwerra Dinjija, kienet inġiebet statwa tal-Madonna ta' Fatima mill-Portugall u li bdiet iddur il-parroċċi kollha ta' Malta. Wara li l-istatwa kienet tħalli l-parroċċa biex tmur f'oħra, ħafna mill-knejjes tħajru jordnaw għalihom statwa bħalha. Hekk ukoll ġara f'Birżebbuġa. Il-miġja tal-Madonna ta' Fatima f'Birżebbuġa kienet mit-Tnejn 4 t' April 1949 sal-Ħadd ta' wara, 10 t' April. Dik is-sena kien Ħadd il-Palm peress li l-Għid il-Kbir kien ġie fis-17 t' April.



Il-Madonna ta' Fatima armata fil-Knisja Parrokkjali ta' Birżebbuġa. Circa 1949.

Din mhijiex l-istess vara li hija fil-pussess tal-parroċċa tagħna fil-preżent.

Kif qed taraw fir-ritratt din kienet il-Madonna ta' Fatima li kienet inġiebet Birżebbuġa, armata b'kull xorta ta' fjuri u bukketti. Dan ir-ritratt x'aktarx joħodna lura għas-sena 1949. Ritratt bil-kortesija tal-Perit Michael Schembri.

Kemm-il darba dehru ritratti tal-attivitajiet li saru tul din il-miġja. Fost dawn hemm wieħed li juri l-Madonna armata taħt mant jew pavaljun, fir-rokna tal-pilastru maġġur fejn illum hemm is-sedja taċ-ċelebrant. Il-Madonna tidher imżejna bil-bukketti forma ta' lembut jew kampnar, kif konna mdorrijin naraw fil-festi titulari. Ir-ritratt juri l-knisja kif kienet dak iż-żmien, jiġifieri bl-artal il-qadim f'post aktar 'il ġewwa minn fejn qiegħed l-artal illum. Hemm ukoll il-pulptu, is-siġġijiet u n-nisa bl-għonnella.

Dettall żgħir jikkonferma ż-żmien liturġiku ta' meta seħħet dik il-ġrajja. Bħalma għedna qabel, dik il-ġimgħa kienet dik bejn il-5 Ħadd tar-Randan u Ħadd il-Palm. Sal-1969, minn Ħadd Lażżru jew Ħadd il-Passjoni (kif kienu jħobbu jirreferu għall-5es Ħadd tar-Randan) sal-Glorja ta' Sibt il-Għid filgħodu, kienu jitgħattew is-slaleb, il-kwadri, in-niċeċ u t-twieqi tal-knisja. Ix-xbihat kienu jitgħattew bi drapp vjola waqt li t-twieqi t'isfel kienu jitgħattew bl-għammad iswed. It-twieqi tal-koppla kienu jgħattuhom minn barra bil-kartun tal-kaxxi. Semmejt dan kollu għax ir-ritratt juri li kemm is-salib f'nofs l-artal bejn il-gandlieri kif ukoll il-kwadru li kien hemm bħala titulari fil-kor, it-tnejn li huma mgħottijin.

Xi ritratti oħra juru xi wħud mill-pellegrinaġġi li saru kif ukoll l-attività li saret għall-morda fuq iz-zuntier tal-ġenb fi Triq il-Kurat Fenech.

Ħa mmorru issa lura fiż-żmien u nagħtu issa ħarsa lejn il-programm ta' kif kienu jiċċelebraw il-festi f'dawk iż-żminijiet. Illum imdorrijin bil-konċelebrazzjonijiet fil-quddiesa ta' filgħaxija iżda dak iż-żmien il-quddies kien isir filgħodu biss u jqaddes saċerdot



Ritratt tas-sena 1949 meta nġiebet il-Madonna ta' Fatima f'Birżebbuġa. Barra l-Madonna ta' Fatima, ir-ritratt juri l-knisja kif kienet dak iż-żmien, bl-artal il-qadim f'post aktar 'il ġewwa minn fejn qiegħed l-artal illum. Innutaw il-pulptu, is-siġġijiet partikolari, in-nisa bl-għonnella u anke qisu jidher li l-irġiel qegħdin fuq naħa u n-nisa fuq naħ'oħra. Dettall żgħir jikkonferma ż-żmien. Dik il-ġimgħa kienet bejn il-5 Ħadd tar-Randan u Ħadd il-Palm. Sal-1969, minn Ħadd Lażżru jew Ħadd il-Passjoni (kif kienu jħobbu jirreferu għall-5es Ħadd tar-Randan) sal-Glorja ta' Sibt il-Għid filgħodu, kienu jitgħattew is-slaleb, il-kwadri, in-niċeċ u t-twieqi tal-knisja. Ix-xbihat kienu jitgħattew bi drapp vjola waqt li t-twieqi t'isfel kienu jitgħattew bl-għammad iswed. It-twieqi tal-koppla kienu jgħattuhom minn barra bil-kartun tal-kaxxi. Semmejt dan kollu għax ir-ritratt juri li kemm is-salib f'nofs l-artal bejn il-gandlieri kif ukoll il-kwadru li kien hemm bħala titulari fil-kor, it-tnejn li huma qegħdin mgħottijin.

waħdu, kultant assistit minn ministri oħra bħalma huma d-djakni. Filgħaxija kien jingħad ir-rużarju u tingħata l-barka sagramentali. Nhar ta' Ħadd filgħaxija kien isir l-Għasar jew talb ieħor tal-Liturġija tal-Knisja u kienet issir l-ispjega tal-Vanġelu jew xi prietka. F'xi festi kien ikun hemm il-purċissjoni jew pellegrinaġġ – dik ta' *Corpus Christi* kif ukoll purċissjonijiet żgħar madwar jew fil-knisja, bħalma kienu tat-terza u tar-rogazzjonijiet, kienu jsiru filgħodu.

Qed nipproduċi kopja eżatt tal-programm taċ-ċelebrazzjonijiet kif dehret fuq fuljett li kien tqassam dakinhar:

Fit-3.30 p.m. Ghasar Sollenni – Panegirku mill-Ill.mu u Rev.mu Mons. Kan. Kap. Giovanni Mifsud D.D. – Processjoni bl-istatwa tal-Madonna ta' Fatima mat-toroq principali ta' Birzebbugia, (Birzebbugia Road, ix-xatt ta' San Giorg, St. Catherine Street, St. Michael Street, Gzira Road, Sacred Heart Promenade, Pretty Bay, New Street u Zurrieq Road) – Att ta' Konsagrazzjoni lill-Qalb Imqaddsa ta' Marija u Barka Sagramentali.

Jiffunzjona l-Ill.mu u Rev.mu Mons. Kan. Kap. Filippo Muscat, President tal-Kumitat Centrali tal-Madonna ta' Fatima.

Luminazjoni Generali.

VIVA L-MADONNA TA' FATIMA!

IKUN IMFAHHAR GESU' KRISTU!

MODERN PRESS, ZEJTUN

AD IESUM PER MARIAM



FESTI SOLLENNI
B'QIMA LILL-
**MADONNA TA' FATIMA**
FIL-PARROCCA
TA' BIRZEBBUGIA

MILL-4 SA' L-10 TA' APRIL, 1949

PROGRAMM

**IT-TNEJN, 4 TA' APRIL.**

Fis-6.15 p.m. Il-Kleru, flimkien ma' l-Ghaqdiet Religjuzi u l-poplu, jitilqu minn quddiem il-Knisja Parrokkjali ghal San Gorg, fejn tigi milqugha l-Madonna – Pellegrinagg bix-xama mill-W. R. Kappillan Dun Angelo Fenech – Dahla tal-Madonna fil-Knisja – Salve, Litanija u Antifona kantati, Benedizzjoni Sagramentali u Innu tal-Madonna ta' Fatima.

Luminazjoni Generali.

**IT-TLIETA, 5 TA' APRIL.**

**Intenzjoni Ġenerali : Ghall-Insara persegwitati mad-dinja.**

Fis-6 p.m. L-Ghaqdiet Religjuzi u l-poplu jiltaqghu quddiem Wied-il-Buni, mnejn jiffurmaw pellegrinagg bi statwa tal-Madonna ghall-Knisja, fejn fis-6.45 p.m. issir Kompieta. Predika fuq "Il-Penitenza" mir-Rev. Dun Gwann Briffa Brincati, Ruzarju, Salve, Litanija, Antifona u Barka Sagramentali.

**L-ERBGHA, 6 TA' APRIL.**

**Intenzjoni Ġenerali : Ghall-Insara persegwitati mad-dinja.**

Kollox bhall-gurnata ta' qabel, biss il-pellegrinagg jitlaq minn Zurrieq Road (fejn is-Sinja u l-Predika ssir mir-Rev. Dun Gorg Cassar fuq "Ir-Ruzarju".

**IL-HAMIS, 7 TA' APRIL.**

**Intenzjoni Ġenerali : Ghall-Paċi tad-dinja.**

Kollox bhall-gurnata ta' qabel, biss il-pellegrinagg jitlaq minn Zebra Square u ma jkunx kemm Predika. – Wara l-Funzjoni tal-Knisja ssir Konferenza bis-SLIDES fuq il-Madonna ta' Fatima, fix-xatt ta' Birzebbugia mis-Sur Giuseppe Schembri.

**IL-GIMGHA, 8 TA' APRIL.**

**Intenzjoni Ġenerali : Ghar-ritorn tal-hajja verament nisranija f'Malta.**

Kollox bhall-gurnata ta' qabel, biss il-pellegrinagg jitlaq minn Brolli Road u l-Predika ssir mir-Rev. Patri Lettur Alipju Scerri, O.E.S.A. fuq "Il-Konsagrazzjoni tal-Familja lill-Qalb Safja ta' Marija."

**IS-SIBT, 9 TA' APRIL.**

**Intenzjoni Ġenerali : Ghall-Arċisqof u l-Kleru ta' Malta u ghall-vokazzjonijiet Saċerdotali u Reliġjużi fil-Gżira.**

Fis-6.15 p.m. Kompieta, Siegha ta' Adorazjoni Sollenni predikata mill-W. R. Patri Gerard mill-Furjana. – Konfessuri ghall-Qrar. – Luminazjoni Generali.

**IL-HADD, 10 TA' APRIL.**

**Intenzjoni Ġenerali : Ghall-Q. T. il-Papa.**

Fis-7 a.m. Quddiesa bi Tqarbina Generali ghat-tfal tal-Parroccia.

Fl-10 a.m. Tberik tal-Morda tal-Parroccia quddiem il-Knisja Parrokkjali.

Nixtieq naqsam magħkom dawn l-osservazzjonijiet li nnotajt f'dan il-programm:

- Xi ritratti juru li r-reffiegħa tal-istatwa ma kinux il-fratelli iżda s-saċerdoti tal-parroċċa fosthom il-Kappillan. F'parroċċi oħra, speċjalment f'Għawdex, għadek tara saċerdoti jerfgħu xi korp sant jew xi urna bil-fdalijiet ta' xi qaddis, waqt purċissjoni jew transulazzjoni.
- Għal dawk il-ġranet saret mixgħela tat-toroq. Interessanti li l-programm kien joqgħod jindika f'liema ġranet issir.
- Ċert li l-intenzjonijiet ġenerali li għalihom kien se jsir it-talb, huma wisq aktar meħtieġa llum milli dakinhar. Laqtitni l-aktar dik tal-Ġimgħa. Illum għal kull xejn, ingergru meta l-knisja titkellem fuq affarijiet li jolqtu l-ħajja nisranija. Oħrajn idejquhom il-ħsejjes tal-qniepen, il-murtali tal-festa u l-*loudspeakers* tal-purċissjoni u jgħidulek li rridu nibżgħu għall-ambjent billi ma naħlux art biex nibnu ċentri reliġjużi. L-istess nies ma jirraġunawx l-istess jekk il-ħsejjes jew l-użu tal-art ikunu għal xi skop ieħor.
- L-ismijiet tat-toroq kienu magħrufa bl-Ingliż. Jissemmew bil-Malti x-xatt ta' San Ġorġ u x-xatt ta' Birżebbuġa. Illum inqisu x-Xatt ta' San Ġorġ għan-naħa tal-bidu tal-Qajjenza mal-baħar minn ħdejn il-kappelli sal-Batterija Ferretti. Iżda hawn qed jirreferi għat-telgħa minn fejn il-ġnien sa Triq Santa Katarina jiġifieri Triq San Ġorġ. Ix-xatt ta' Birżebbuġa huwa Pretty Bay – probabbli l-parti fejn kien joqgħod Dun Rikard.
- Il-purċissjoni ma kinetx toħroġ minn St Michael Str għax-Xatt billi ddur minn St. Paul Str. iżda kienet tibqa' nieżla minn Triq il-Gżira sal-batterija fit-tarf tal-istess triq fejn il-pont tax-*Shell*, iddur minn Dawret il-Qalb Imqaddsa u tkompli max-Xatt.
- Ir-raddiena li sa ftit ilu kien hemm fit-tarf ta' Triq iż-Żurrieq tissejjaħ aħjar bħala s-sienja.
- Is-*slides* kienu l-unika għajnuna viżiva użata dak iż-żmien waqt xi lezzjoni. Kien għadu kemm infetaħ iċ-ċinema tal-Lido iżda t-televixin kien għadu 'l bogħod minn xtutna. Niftakar kemm konna nieħdu pjaċir kull meta ninzertaw xi lezzjoni bis-*slides*, fl-iskola jew fil-MUSEUM.
- Sar talb għall-vokazzjonijiet meta kien hawn saċerdoti kemm trid. Illum ma tantx jidher li għandna prospetti sbieħ f'dan il-qasam speċjalment jekk tqis li sa għaxar snin oħra mhu se jkollna ebda ordinazzjoni ġdida mill-parroċċa tagħna.
- Ma tissemma' l-ebda attività marbuta mar-Randan u l-Ġimgħa Mqaddsa. Probabbli li l-eżerċizzji kienu lesti minn qabel. Iżda laqatni l-fatt li ma tissemma' xejn dwar il-festa popolari tad-Duluri. Jagħtini x'nifhem li kienet issir il-festa fit-3[et] Ħadd ta' Settembru iżda ma kinitx issir it-tifkira l-oħra tagħha fl-aħħar Ġimgħa qabel Ħadd il-Palm. U flok tberik taż-żebbuġ u qari tal-Passjoni, Ħadd il-Palm inbidel f'jum ta' festa solenni bis-sehem tal-ogħla uffiċċjal fil-Kumitat Ċentrali tal-Madonna ta' Fatima.
- Attività li ħalliet impatt kbir kienet dik li għaliha nġiebu l-morda, bħalma għadu jsir fil-Ġimgħa l-Kbira u qrib il-Festa Titulari. Fil-programm jidher li saret il-Ħadd filgħodu quddiem il-Knisja. Ir-ritratti li ttieħdu juru li din ma saritx proprju fuq iż-zuntier ta' quddiem iżda maġenb is-sagrestija.



Dan ir-ritratt tidher il-purċissjoni bil-Madonna ta' Fatima riesqa lejn il-Knisja Parrokkjali. X'aktarx li din il-purċissjoni kienet organizzata mill-membri tal-M.U.S.E.U.M. Fl-isfond fil-kantuniera jidher il-ħanut tal-inbid li kien ta' ċerta waħda magħrufa bħala Ġanna n-Naqqa.

ANNIVERSARJI

Intant il-festi għaddew u l-istatwa kompliet iddur il-parroċċi ta' Malta sakemm fl-aħħar sabet postha fil-Knisja ta' Sta Katarina tal-Berġa tal-Italja fil-Belt Valletta. Illum l-istatwa jgħidu li tinsab fid-Dar tal-Kleru fi Fleur de Lys.

U bħalma għamlu rħula oħra, il-Parroċċa ġabet statwa, maħduma mill-ġibs, tal-Madonna ta' Fatima li llum tinżamm fin-niċċa li tinsab fil-kappellun tal-Kurċifiss. L-indulġenza li għal bosta snin kienet mal-istatwa, kellha d-data 1951. Tagħrif miktub dwarha ma jidhirx li hawn, ħlief dak li nkiteb wara u bbażat fuq dak li jiftakru l-anzjani. L-istil tagħha juri li hija xogħol Taljan jew Franċiż iżda żgur li mhux xogħol lokali. Jien kont smajt li l-kuruna ta' fuq ras il-Madonna kienet tħallset minn waħda Bormliża, Ċettina Darmanin, u nħadmet għand l-arġentier Cassar mill-istess belt Cospicua. Aktar tard kien hemm xi nies li tawha labar tal-fidda u kuruni tar-rużarju b'devozzjoni jew bħala ringrazzjament.

Intant, fis-snin ta' wara bdew isiru pellegrinaġġi Marjani b'din l-istatwa kif ukoll b'oħra li tinsab fiċ-Ċentru tal-Azzjoni Kattolika. Jien niftakar isir il-pellegrinaġġ mill-kappella tad-Duluri fl-aħħar jum ta' Mejju sal-1977. Mis-sena ta' wara ma baqax jingħata permess għal purċissjonijiet fil-jiem tax-xogħol ħlief għall-festa tad-Duluri. Iżda mbagħad, madwar l-1984, il-pellegrinaġġ reġa' beda jsir miċ-Ċentru Ragħaj it-Tajjeb lejn il-Kappella ta' Bengħisa. Issa l-istatwa tal-Madonna bdiet titpoġġa fuq karozza. Fl-1988 biss, is-sena tat-tifkira tal-75 Anniversarju tal-Parroċċa, il-pellegrinaġġ sar mill-Kappella ta' San Ġorġ sal-Knisja Parrokkjali.

Mis-sena 2000 'il hawn, il-pellegrinaġġ beda jitlaq minn fejn iċ-Ċentru tal-*Freeport* u wara li jintemm kollox, inkluż il-quddiesa fil-Kappella ta' Benġħisa, issir attività soċjali. Sadattant, bdiet issir attività simili għat-tfal, li għaliha tintuża l-istatwa l-oħra tal-Madonna ta' Lourdes, minħabba li din tal-aħħar hija eħfef mill-oħra. Dawn il-pellegrinaġġi, jgħaddu minn trejqa dejqa qalb l-għelieqi u l-irziezet. F'post partikulari, kien ikun hemm siġra li l-friegħi tagħha qabżu



Il-Pellegrinaġġ bl-istatwa tal-Madonna ta' Fatima li sar fit-2 ta' Mejju 1948 f'Birżebbuġa. Dakinhar saret quddies maġenb il-knisja n-naħa tal-kampnar. Ma kinitx l-istess statwa li għandna llum fil-Parroċċa. Dik saret wara.

ċ-ċint għat-triq. Kemm-il darba nzerta, li l-kuruna fuq ras il-Madonna, weħlet ma' xi fergħa u tgħawġet xi ftit. Illum is-siġra nżabret sew u m'għadhiex toħroġ fuq it-triq. U mill-banda l-oħra, l-istatwa tal-Madonna ta' Lourdes qed tintuża għaż-żewġ ċelebrazzjonijiet u la jkollha stillarju u lanqas kuruna fuq rasha.

Matul ix-xahar kollu ta' Mejju, ix-xbiha tal-Madonna tintrama fil-knisja. Sal-1980 kienet titpoġġa fid-daħla tal-bieb tal-ġenb tan-naħa tal-MUSEUM tal-bniet. Meta mbagħad saru l-antiporti, l-istatwa bdiet titpoġġa mal-pilastru maġġur ta' fejn jitpoġġa l-istandard l-abjad tal-Fratellanza tar-Ružarju. F'okkażjonijiet speċjali, bħalma kienet il-bidu tas-sena Marjana (1989) l-istatwa tpoġġiet ukoll fuq il-kredenzina fuq il-presbiterju. Mill-1987 bdiet titpoġġa taħt mant żgħir li jintuża wkoll għall-Madonna ta' Lourdes. Dan il-mant sar flok il-mant il-kbir li kien tħallas minn Kola s-Sinċier u li bi ftehim miegħu kienet saret talba biex 'il quddiem jibda jintuża għall-Madonna tar-Rużarju. Din it-talba ntlaqgħet u saret realtà tliet snin wara għall-festa tar-Rużarju tal-1990.



L-istatwa tal-Madonna ta' Fatima li għandha l-parroċċa llum. Matul din is-sena din ġiet restawrata mill-artist Joseph Caruana li huwa wkoll membru attiv ħafna mas-Soċjetà tagħna.

Iż-żmien ukoll ħalla impatt fuq din l-istatwa ħelwa tal-Madonna ta' Fatima. Benefattur kien ilu żmien jistaqsi biex niżbgħuha. Sa fl-aħħar wasal il-waqt li l-istatwa tittieħed għand l-artist Joseph Caruana (tal-Istained Glass) li joqgħod Birżebbuġa sabiex setgħet tkun rinnovata kif jixraq għal din is-sena ċentinarja tad-dehriet.

ANNIVERSARJI



ALL SEASONS TOYS/CLOTHES & MORE
FAĊĊATA TAL-KNISJA BIRŻEBBUĠA
TEL: 7765 0362